MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 17/2004

**Carmelo u Carmen konjugi Xerri**

**-vs-**

**Emanuel u Margaret konjugi Micallef**

Il-Qorti;

Rat l-avviz fejn l-atturi talbu li l-konvenuti jigu kkundannati jhalsuhom is-somma ta' erbat elef hames mija u sitta u tletin lira Maltin (Lm4536) jew somma verjuri, dovuta lilhom in kwantu ghal elfejn tliet mija u tmenin liri Maltin (Lm2380) taxxa provizorja fuq qliegh kapitali li l-atturi kienu kostretti li jhalsu lid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni fl-interess taghhom wara li naqsu persistentement illi jhalsu din it-taxxa li kienet dovuta minnhom wara li kien gie liberat favur l-atturi l-fond bla numru u prezentement maghruf bl-isem ta' JC Hardware, fi Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Ghawdex konfinanti mit-Tramuntana ma' l-

imsemmija triq, mill-Punent ma' beni ta' Carmelo Camilleri u lvant ma' Joseph Cini fl-14 ta' Lulju 2003, fil-bejgh li sar is-subbasta li ggib in-numru 15/2002 fl-ismijiet: Carmelo Xerri et vs Francis sive Frank Micallef et, u l-liberazzjoni tal-fond ma setghetx tigi registrata qabel ma jithalsu dawn il-flus u in kwantu ghal elfejn mija u sitta u hamsin liri Maltin (Lm2156) fi hlas ta' kera ta' erbatax-il lira Maltin (Lm14) ghal kull gurnata ta' l-istess fond subbastat ghall-perjodu mill-1 ta' Awissu 2003 sal-31 ta' Dicembru 2003 li l-konvenuti rcevew ndebitament minghand l-inkwilini Joseph u Rita Sultana, li lilhom il-fond jinsab mikri, meta l-istess kera kienet dovuta u kellha tingabar mill-atturi fl-interess taghhom u mhux tingabar u tinzamm mill-konvenuti kif ghadha f'idejhom sal-lum.

Bl-imghaxijiet legalti b'effett mid-data ta' meta l-istess pagamenti saru dovuti sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Novembru 2003.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsabu mharkin.

Rat illi l-konvenuti minkejja li debitament notifikati baqghu ma dehrux.

Rat il-kapitoli pprezentati u approvati ghas-subizzjoni tal-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Billi jidhrilha li t-talba attrici hija gustifikata.

Tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba u tikkundanna lill-konvenuti jhalsu lill-atturi s-somma ta' erbat elef hames mija u sitta u tletin lira Maltin (Lm4356) dovuta lill-istess atturi in kwantu s-somma ta' elfejn tliet mija u tmenin liri Maltin (Lm2380) taxxa provizorja fuq qliegh kapitali li l-atturi kienu kostretti li jhalsu lid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni fl-interss tal-konvenuti u inkwantu ghal elfejn mija u sitta u hamsin liri Maltin (Lm2156) fi hlas ta' kera ta'

erbatax-il lira Maltin (Lm14) ghal kull gurnata ta' l-istess fond subbastat ghall-perjodu mill-1 ta' Awissu 2003 sal-31 ta' Dicembru 2003 li huma rcevew indebitament minghand l-inkwilini Joseph u Rita Sultana.

Bl-imghaxijiet legali b'effett md-data ta' meta l-istess pagamenti saru dovuti sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Novembru 2003 kontra l-konvenuti.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------